

# Kunvent Santa Rita

kitba ta' Fr. Henry Schembri O.S.A.



**Fra. Paul Spiteri**

Fil-11 ta' Settembru 1927 saret iċ-ċerimonja ta' l-ewwel ġebla tal-Kunvent ta' Santa Rita. L-inħawi kienu mżejna bil-bnadar. Malli wasal l-Isqof Mons. Mauro Caruana tkantat l-*Antifona Sacerdos et Pontifex*. Għamel diskors P. Bonifacio Bonello O.S.A. L-isqof beda l-kant tal-*Veni Creator*, iffirma l-parċmina, bierek il-ġebla u t-tajn.
Fl-24 ta' Mejju 1928 filgħodu l-Provinċjal P. Wistin Cascun O.S.A., bierek il-Kappella u ġiet iċċelebrata l-ewwel quddiesa u ngħatat il-Barka Sagramentali. Il-kunvent tbierek mill-istess Provinċjal fl-24 ta' Ġunju 1928. Wara t-tberik tkanta t-*Te Deum*.
Malli nfetħet il-Kappella, beda jkun hawn quddies kuljum. Fil-Ħdud u l-festi kmandati kienet issir l-ispjega tal-Vanġelu u jitqasmu kotba tal-quddiesa bil-Latin u bil-Malti.
Fid-9 ta' Settembru 1929 adult Ingliż, Mr. Billings irċieva l-Magħmudija fil-Kappella.
Fit-22 ta' Ġunju 1930 saret l-Ewwel Tqarbina tat-tfal subien u bniet li kienu jiffrekwentaw it-Tagħlim Nisrani fil-Kappella mis-Sorijiet tal-Karità. Il-Ħadd, 28 ta' Frar 1932 l-Isqof Mons. Mauro Caruana, amministra l-Griżma ta' l-isqof lil 49 tfal minn dawn l-inħawi.
Nhar is-27 ta' April 1941 kien jum ta' ħbit aħrax mill-għadu. Għall-ħabta tal-5.00 ta' filgħaxija, intefgħu ħafna bombi u ġarrfu sewwa l-kunvent u l-kappella. Kien baqa' biss il-ħajt fejn kien hemm it-tabernaklu bla ma kien minsus. L-Agostinjani baqgħu jgħixu f'dik il-qagħda b'ħafna sagrifiċċji. Meta fis-sena 1944 l-attakki bdew jonqsu, l-Agostinjani ħasbu biex jirranġaw il-Kappella u l-Kunvent. Fis-26 ta' Novembru 1944 tqaddset quddiesa fil-bini rranġat mill-Provinċjal P. Evodju Bonnici O.S.A.




Il-Kunvent qabel iġġarraf

Meta fis-sena 1947 id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni fetaħ it-*Training College* għall-Għalliema rġiel ħa *Pembroke House*, fejn qabel kien hemm Skola Primarja. Ghalhekk l-iskola primarja ġiet trasferita fil-Kunvent ta' Santa Rita.



Il-Kunvent mibni mill-ġdid

Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi kkonsagra l-altar fil-11 ta' Ġunju 1950 għall-okkażjoni taċ-ċinkwantarju tal-kanonizzazzjoni ta' Santa Rita. Għal xi żmien dan il-kunvent kien Dar ta' Formazzjoni għall-istudenti Agostinjani.
Fis-sena 1996 beda l-ħsieb biex il-Kappella tkun iktar komda. Għalhekk fis-sena 1998 beda xogħol taħt il-Periti Denis Camilleri u Joe Degaetano. Is-Sibt 28 ta' Novembru 1998, il-Provinċjal P. Emanuel Borg Bonello O.S.A. bierek il-post irranġat u kien hawn konċelebrazzjoni. Is-Sibt, 6 ta' Mejju 2000, mitt sena mill-kanonizzazzjoni ta' Santa Rita, l-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca ikkonsagra l-altar u l-kappella ddedikati lil Santa Rita.
Fis-sena 2003 sar parking għall-karozzi għal dawk li jattendu din il-kappella. Bħalissa għaddejja ħidma taħt id-direzzjoni tal-Pirjol Fr. Joe Farrugia O.S.A., biex il-madwar tal-Kappella u l-Kunvent jissebħu bi proġett addatat.
Il-Komunità Agostinjana qegħda tkompli tagħti s-servizz pastorali u reliġjuż lin-nies ta' dawn l-inħawi u t-turisti li jkunu fil-lukandi qrib.